

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA
IL-LIĠI NRU I-1143 DWAR IL-KONTROLL TAT-TABAKK, TAL-PRODOTTI TAT-TABAKK U TAL-PRODOTTI RELATATI, L-EMENDI GĦALL-ARTIKOLI 2, 9² 9⁵ U 30
IL-LIĠI

... 2023, Nru

Vilnius

Artikolu 1. Emenda għall-Artikolu 2

L-Artikolu 2(26) għandu jiġi emendat biex ikun miktub kif ġej:

“26. **Riġa u toġhma tal-prodott addizzjonali tat-tabakk, sigarett elettroniku, rikarikatur tas-sigaretti elettroniċi** — riġa jew toġhma pperċepita b’mod ċar għajr it-tabakk li tirriżulta mill-addittiv jew taħlita ta’ addittivi, inkluż frott, ħwawar, ħxejjex aromatiċi, alkoħol, karamella, mentol jew vanilla u addittivi oħra jew kombinazzjonijiet tagħhom, u li tinħass qabel jew matul il-konsum tal-prodott tat-tabakk, sigarett elettroniku, u qabel l-użu ta’ mili tas-sigaretti elettroniċi.”

Artikolu 2. Emenda tal-Artikolu 9²

1. Klawżola 1 fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 9² huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“1) likwidu mqiegħed fis-suq esklussivament f’rikarikaturi tas-sigaretti elettroniċi b’volum li ma jaqbiżx 10 millilitri, f’sigaretti elettroniċi li jintremew wara l-użu jew f’kapsuli jew riservi li jintremew wara l-użu, u l-volum ta’ kapsuli jew riservi ma jaqbiżx 2 millilitri;”.

2. Il-klawżola 5 tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 9² huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“5) riġa jew toġhma miżjuda kif definit fil-parti 26 tal-Artikolu 2 ta’ din il-Liġi.”.

3. Il-paragrafu 5 li ġej jiżded mal-Artikolu 9²:

“5. L-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Konsumatur tal-Istat fuq il-bażi ta’ evidenza xjentifika u/jew prassi tajba tal-awtoritajiet kompetenti f’pajjiżi oħra, tikkompila lista speċifika ta’ sustanzi awtorizzati li tagħti riġa u toġhma tat-tabakk lil-likwidi għas-sigaretti elettroniċi u r-rikarikaturi tas-sigaretti elettroniċi, li fihom in-numri ta’ reġistrazzjoni ta’ dawn is-sustanzi pprovduti mis-Servizzi ta’ Astratti Kimiċi (CAS).”

Artikolu 3. Emenda tal-Artikolu 9⁵

Il-Parti 1 tal-Artikolu 9⁵ hija emendata biex taqra kif ġej:

“1. Il-pakketti individwali jew kwalunkwe ppakkjar estern tas-sigaretti elettroniċi u tagħmir għall-mili mill-ġdid tas-sigaretti elettroniċi għandu jkollhom it-twissija tas-saħħa li ġejja: “Dan il-prodott fih in-nikotina, li hija sustanza li faċli ħafna toħloq dipendenza.” Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal sigaretti elettroniċi u rikarikaturi mingħajr nikotina għas-sigaretti elettroniċi.”

Artikolu 4. Emenda għall-Artikolu 30

L-Artikolu 30(2) għandu jiġi emendat biex ikun miktub kif ġej:

“2. Il-kawża għandha tinstema’ permezz ta’ proċedura orali bil-parteċipazzjoni tal-partijiet fil-kawża u tal-parteċipanti l-oħra fil-proċedura. Il-kawża tista’ tinstema’ permezz ta’ proċedura bil-miktub meta parti waħda fil-proċedura tagħmel talba sabiex il-kawża tiġi ttrattata permezz tal-proċedura bil-miktub u l-parti l-oħra ma toġġezzjonax għal din is-seduta fit-terminu stabbilit. Fil-każ imsemmi f’dan il-paragrafu, għandha tinżamm seduta orali jekk waħda mill-partijiet tagħmel talba motivata sabiex il-kawża tinstema’ permezz ta’ proċedura orali jew l-awtorità tas-seduta tiddeċiedi li tali seduta hija meħtieġa.”

Artikolu 5. Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni tal-Liġi

1. Din il-liġi, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, jidhrol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2024.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja jew istituzzjoni awtorizzata minnu għandu johlqoq strumenti legali eżekuttivi marbuta ma’ din il-liġi sal-31 ta’ Diċembru 2023.

B’dan niddikjara li din il-Liġi għaddiet mis-Seimas (il-Parlament Litwan) tar-Repubblika tal-Litwanja.

Il-President tar-Repubblika

Sottomessa minn

f’isem il-Kumitat għall-Affarijiet tas-Saħħa tas-Seimas

Il-President tal-Kumitat

Antanas Matulas